# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.DR. DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Mejju 1999**

**Numru 53**

**Citaz. numru 498/85 DS**

**Reginald Micallef et noe**

**vs**

**Godwin Abela et noe**

Citaz. Nru. 498/85

Reginald Micallef u Walter Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u dina bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta' J. Delicata & Sons Ltd.

vs

Godwin Abela u John Cavallo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta’ April 1985 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew illi:

Is-socjeta' J. Delicata & Sons Ltd. importat minn Hong Kong hames(5) balli "Cotton Towels" li waslu Malta fuq vapur HEIDI LEONHARDT kif jirrizulta mill-polza tal-kariku Dok. 1.

Peress illi din il-merkanzija giet skarikata kollha Malta f'idejn il-kuntrattur tal-Port, is-socjeta' Konvenuta, u dan jirrizulta mil-kopja tat-tally sheet - joint tally- Dok. B.

Peress li meta l-merkanzija giet kunsenjata mill-kumpanija konvenuta lill-importatur dan sab zewg balli mcarrtin u erba u sebghin tuzzana bicciet neqsin kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta' assikurattrici - Guardian Royal Assurance, kif kienet obbligata, hallset lid-ditta importattrici is-somma ta' mija u tmintax il-lira u erbghin centezmu (Lm118.40) bhala kumpens u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur assigurat (Dok. C).

Peress li l-konvenuti nomine huma responsabbli ghan-nuqqasijiet u danni fuq indikati;

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;
(2) tikkundannahom ihallsu lill-atturi nomine s-somma ta' Lm118.40 bl-interessi legali mid-data tal-pagament in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogata kif intqal.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd., huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat u ammont illi rcevitu.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess, il-konvenuti nomine ma humiex responsabbli skond il-ligi ghan-nuqqas fil-merkanzija allegat fic-citazzjoni mill-attur nomine billi l-istess kumpanija konvenuta qdiet il-funzjonijiet taghha relattivament ghall-merkanzija "de quo" bid-diligenza kollha mistennija minnha.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-26 ta' Gunju 1985 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Malcolm Pace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba tal-

atturi wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-26 ta' Marzu 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda konsenja ta' "5 Bales Cotton Towels" li giet importata f'Malta mis-socjeta' J. Delicata & Sons Ltd. minn Hong Kong skond il-polza Dok. A a fol. 5 tal-process. Meta din il-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta' msemmija rrizulta li kien hemm zewg bales imqattghin b'kontenut nieqes. In-nuqqas kien jikkonsisti f'erbgha u sebghin tuzzana Cotton Face Cloths li dwarhom saret claim mas-socjeta' assikuratrici attrici li hallset lis-socjeta' assikurata s-somma ta' Lm118.40 kif jidher mid-Dok. C a fol. 7 tal-process mnejn jirrizulta wkoll li giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' assikurata msemmija J. Delicata & Sons Ltd. Skond id-Dok. B a fol. 6 tal-process li huwa l-joint tally sheet li sar mit-tally clerk tas-socjeta' konvenuta u t-tally clerk tas-socjeta' rapprezentanti s-socjeta' trasportatrici, u korroborat mill-joint tally sheet (Dok. AA1 esebit minn Anthony Agius fis-seduta peritali tat-23 ta' Gunju 1986) il-bales tnizzlu bla rimarka minn fuq il-vapur. Dan ghalhekk ifisser li kienu ntatti meta ghaddew f'idejn is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. Il-vapur li fuqu kienet waslet il-merkanizja jidher li kien wasal Malta fid-19 ta' April 1984 u l-merkanzija tnizzlet fil-21 ta' April 1984.

Fid-9 ta' Mejju 1984 l-merkanzija ttiehdet fin-New Port Bonded Stores tad-Dwana kif jirrizulta mid-Dok. DD3 esebit minn Dennis Delia fis-seduta peritali tal-15 ta' April 1986 li huwa dokument imsejjah "Goods sent to the Warehouse under Para. 92 of the Port Regulations". F'dan id-dokument insibu r-referenza "JDS/12542" li tirreferi ghall-konsenja in kwistjoni. Dwar dan m'hemmx dubju peress li mid-Dok. AA1 esebit ukoll minn Anthony Agius izda fis-seduta peritali tas-6 ta' Mejju 1986 insibu talba lill-ufficjal inkarigat mill-Bonded Stores biex jirrilaxxja "5 bales" lil "Messrs. J. Delicata" li ghandhom il-marki "JDS 12542"; jigifieri si tratta ta' l-istess partita ta' xoghol. Issa fid-Dok. DD3 imsemmi hdejn ir-riferenza ghall-merkanzija in kwistjoni hemm miktub "2 Bales Dgd" u vlegga li fil-fehma tal-Qorti qed tippunta lejn din il-merkanzija u mhux dik ta' tahtha. Dan qed jinghad minhabba d-dubju li seta' nholoq dwar lejn fejn kienet qed tippunta l-vlegga u li fi kwalunkwe kaz huwa dubju li gie mxejjen bix-xiehda ta' Joseph Borg ghas-socjeta' G. Borg & Sons Ltd. fis-seduta peritali tat-23 ta' Gunju 1986, importaturi tal-merkanzija ndikata ezattament taht dik tas-socjeta' J. Delicata & Sons Ltd. fid-Dok. DD3. Dan id-dokument huwa ffirmat minn checker tas-socjeta' konvenuta u minn tliet ufficjali tad-Dwana.

Qed issir riferenza wkoll ghad-Dok. DD2 esebit minn Dennis Delia fis-seduta peritali tal-15 ta' April 1986 li huwa invoice li fuqu hemm ir-rimarka "Two bales dgd" u li huwa kkonferma li kitibha hu meta l-konsenja giet rilaxxata mill-Bonded Stores. Zied ighid li apparentement huwa nesa jikteb din ir-rimarka fuq il-Customs Entry ukoll (Dok. DD1 esebit minnu fl-istess seduta) peress li hu kien ghadu kif dahal fid-Dipartiment tad-Dwana. Pero' qal  ukoll li l-merkanzija ma kienx raha meta waslet fl-istores.

Ghalkemm ma gie prodott hadd mill-persuni li ffirmaw id-Dok. DD3, dan id-Dokument gie esebit minn Executive Officer fid-Dipartiment tad-Dwana stess, Dennis Delia, li wkoll indika l-fatt li kien hemm zewg bales danneggjati meta giet rilaxxata l-merkanzija. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-provi prodotti jindikaw li n-nuqqas fil-merkanzija gara meta din kienet f'idejn is-socjeta' konvenuta u qabel ma giet konsenjata lid-Dwana. Hija b'hekk ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' Lm118.40.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja adozzjoni tar-rapport peritali,

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqas indikat,
(2) tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi nomine s-somma mitluba ta' Lm118.40 bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur